

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2013/384/PESK**tal-15 ta' Lulju 2013****li temenda d-Deċiżjoni 2012/325/PESK li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għas-Sudan u s-Sudan t'Isfel**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28, l-Artikolu 31(2) u l-Artikolu 33 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-11 ta' Awwissu 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/450/PESK ⁽¹⁾ li taħtar lis-Sinjura Rosalind MARSDEN bħala r-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) għas-Sudan.
- (2) Fl-1 ta' Awwissu 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/499/PESK ⁽²⁾ li emendat il-mandat u t-titlu tar-RSUE fid-dawl tad-dikjarazzjoni tal-indipendenza mis-Sudan t'Isfel. Il-mandat tar-RSUE ser jiskadi fit-30 ta' Ġunju 2013.
- (3) Il-mandat tar-RSUE għandu jiġi estiż għal perijodu ieħor ta' erba' xhur.
- (4) Ir-RSUE ser timplimenta l-mandat fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' xxekkel il-kisba tal-oġġettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif hemm imniżżel fl-Artikolu 21 tat-Trattat.
- (5) Id-Deċiżjoni 2012/325/PESK għandha għalhekk tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2012/325/PESK hija b'dan emendata kif ġej:

- (1) L-Artikolu 1 jinbidel b'dan li ġej:

“Artikolu 1**Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea**

Il-mandat tas-Sinjura Rosalind MARSDEN bħala r-RSUE għas-Sudan u s-Sudan t'Isfel huwa b'dan estiż sal-31 ta' Ottubru

2013. Il-mandat tar-RSUE jista' jintemm qabel, jekk il-Kunsill jiddeċiedi hekk, fuq proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-RGħ).”;

- (2) Fl-Artikolu 5(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-mandat tar-RSUE għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2013 sal-31 ta' Ottubru 2013 għandu jkun ta' EUR 690 000.”;

- (3) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

“Artikolu 12a**Assistenza fir-rigward ta' pretensjonijiet**

Ir-RSUE u l-persunal tagħha għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni l-assistenza amministrattiva u l-aċċess għall-fajls rilevanti fir-rigward ta' kwalunkwe pretensjoni li tirriżulta mill-mandat tagħha, kif ukoll mill-mandati tar-RSUE preċedenti għas-Sudan, u għandhom jassistu fil-provvediment ta' elementi li jwieġbu għal tali pretensjonijiet.”.

Artikolu 2**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2013.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Lulju 2013.

Għall-Kunsill

Il-President

V. JUKNA

⁽¹⁾ ĠU L 211, 12.8.2010, p. 42.

⁽²⁾ ĠU L 206, 11.8.2011, p. 50.